# KUNSILL LOKALI MQABBA

**29, TRIQ IL-PARROĊĊA, MQABBA MQB 1512**

**TEL: 2168 0622 /2701 3040 • FAX: 2168 0606**

**E-MAIL: mqabba.lc@gov.mt**
**WEB SITE: www.mqabba.gov.mt**

Minuti tas-seduta numru tlieta u ħamsin (53) tal-Kunsill Lokali Mqabba tal-laqgħa li nżammet nhar it-Tlieta, 6 ta' Lulju, 2010, fis-6:30pm fil-Bini Amministrattiv tal-Kunsill.

| | | |
|---|---|---|
| PREŻENTI: | Noel Galea | Sindku |
| | Nicholas Briffa | Kunsillier |
| | Grace Marie Mallia | Kunsillier |
| | Paul Spiteri | Kunsillier |
| | Anthony Bonello | Segretarju Eżekuttiv |
| SKUŻAT: | Charles Farrugia | Viċi Sindku |

1. Is-**sindku ppresjeda l-laqgħa** u qal it-talba.

2. Il-**minuti** tas-seduta preċedenti ġew moqrija mis-segretarju eżekuttiv għaliex dawk li kienu mibgħuta nhar is-Sibt li għadda minn Mersia Mackay fuq l-*e-mail* tal-*gov*, kemm lil Nicholas Briffa kif ukoll lil Grace Marie Mallia, ma waslux, peress li hija ma kienetx taf li dawn il-kunsillieri jużaw il-*g-mail account*. Dawn kienu korretti wara li sarulhom xi tibdiliet u amendi kif jidher fuq il-kopja oriġinali u ġew unanimament approvati u ffirmati mis-sindku u s-segretarju eżekuttiv.

3. Dwar ix-**xogħlijiet li qed isiru fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija,** is-sindku qal li l-*bus shelter* inqala' u ġarru 'Tal-Frida' mingħajr obbligazzjoni. Dan waħħalnieh temporanjament mal-art ftit passi 'l bogħod u se jdum hemm xi tliet ġimgħat. Sadanittant il-kostruzzjoni fuq is-*central strip* issa tlestiet mill-ħaddiema tad-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi (Distrett tar-Robba), filwaqt li dawn taw il-konkos mal-kurduna qabel ma ntradam kollox bil-ħamrija. Dwar is-sit fejn se jigi l-*bus shelter* il-ġdid, is-sindku żamm lill-kunsillieri infurmati li din il-parti tħaffret bil-*jack hammer* biex ikollha bażi soda minn taħt it-triq, wara li hu tkellem ma' *Faces Consultants Ltd* dwar dan l-istess *bus shelter*. Infatti huma wiegħduna li l-kuntrattur se jibda x-xogħol ta' kostruzzjoni fuq il-*bus shelter* nhar il-Ħamis tal-ġimgħa d-dieħla biex ilaqqgħu ma' *bus shelters* oħra li qed jaħdem fuqhom f'postijiet oħra viċin. Dwar il-kobor tal-bankina s-sindku stieden lil kulħadd sabiex imur jara l-marki li hemm fit-triq biż-żebgħa filwaqt li qed naħsbu wkoll għar-rampi tal-*wheel chairs /push chairs* kemm fuq quddiem kif ukoll fuq wara tas-*central strip*. Għaldaqstant, il-bankina se jkollha tieħu parti mill-ispazju tat-triq.

4. Dwar it-talba l-ġdida li saret mill-KLM biex *Transport Malta (TM)* jagħtuna parir dwar il-**parkeġġi Triq il-Fjuri**, s'issa għadna ma smajna xejn.

5. Is-sindku tkellem dwar il-**korsijiet tal-*computer*** li qed isiru mill-KLM. Huwa qal li kellna norganizzaw klassi oħra minħabba d-domanda li kellna għal dan it-tagħlim fil-*computer* biex issa għat-tfal għandna żewġ klassijiet. Madankollu se jkollna nissussidjaw erba' postijiet għaliex dawn baqgħu ma mtlewx kollha. Dwar id-diffikultà li setgħet inħolqot bl-etajiet, intqal illi fil-futur it-tfal aħjar naqsmuhom bejn 6-8 snin u imbgħad bejn 9-12-il sena. Dan sabiex ma jkunx hemm wisq diskrepanza bejn l-etajiet fl-istess klassi minkejja li l-abilità tagħhom lanqas hija marbuta wisq għall-età iżda ħafna drabi għall-inizjattiva tagħhom stess u l-użu tal-istess *computer.*

6. Minkejja li diġà ġew tal-***GO plc*** biex iwaħħlulna l-**linja l-ġdida** fl-Isptar il-Qadim, is-segretarju eżekuttiv għandu jmur jara xi jkun imiss biex inkunu nistgħu ninstallaw l-*internet* u n-*network* tal-*computers* fil-klassi. Il-KLM iddeċieda li l-*Internet Service Provider (ISP)* għandu jkun l-istess *GO plc.*

7. Dwar il-**ħarġa tal-fuljett** numru tlieta, għandu jsir avviż għall-klassijiet tal-*Life Long Learning*, programm sportiv li se jiġi organizzat fl-iskola tal-Imqabba magħruf bħala l-*Girls on the Move* li kien pospost għal Settembru; appell biex min għadu ma ġabarx il-pakkett tal-boroż il-ħodor għall-

iskart riċiklat; jiġi fl-uffiċċju jiġborhom; l-avviżi tal-Festa ta' Santa Marija f'dak li jirrigwardja t-traffiku; u l-ħruġ tan-nomini ta' Ġieh l-Imqabba f'Jum l-Imqabba 2010. Intant issemma illi tlabna stima għall-pjanca bl-*engraving* fuqha li se tfakkar lil dawk li immeritahom il-premju Ġieħ l-Imqabba matul is-snin, għand *AS Supplies Ltd.*

8. Dwar il-**Festa tal-Madonna tal-Ġilju** li għaddiet, reġgħu ġew imsemmija l-barikati tal-pulizija, u l-fatt li dawn damu jiġru fl-Imqabba għal numru ta' ġranet wara li din intemmet. Dan hu dovut għall-fatt illi minħabba n-nuqqas ta' spazju ta' ħażna għalihom, dawn jagħmlu sajf iduru minn lokalità għall-oħra fil-festi. Għaldaqstant meta kien imiss il-festa tal-Qrendi ta' Lourdes, dawn ittieħdu għal din il-lokalità.

9. Issemmew ix-xogħlijiet tar-***road markings*** **li saru fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija** u Noel Galea qal li l-Perit Demicoli iltaqgħet miegħu dwar dan. Infatti jidher li dawn se jerġgħu jsiru kif kienu qabel, jiġifieri li jittolleraw lil min ikun ħiereġ mit-toroq laterali jaqsam anke is-sinjal tan-nofs tat-triq (*right turns* fil-*by-pass*). Dan ma jgħoddx għall-fetħa ta' Triq Ġanni Darmanin għaliex din mhix legali. Intant qed noġġezzjonaw għat-tabelli li tpoġġew mingħajr l-għarfien jew konsultazzjoni magħna fl-inhawi ta' Triq il-Kileb u Triq Mikelanġ Sapiano, fejn *Transport Malta (TM)* mhux qed iħallu 'l min joħroġ mis-*service road* għall-karreġġjata, liema miżura ta' sigurtà għadna m'aħniex naraw li tagħmel sens. Infatti ktibna dwar dan formalment.

10. Għat-**talba li għamlet is-Soċjetà Mużikali Santa Marija** biex jinbidel is-sit li fih jinħaraq in-nar tal-art minn Triq il-Madonna tal-Ġilju għal Triq il-Konvoj ta' Santa Marija, informalment sirna nafu li dawn jixtiequ li t-toqob tan-nar ta' Triq il-Madonna tal-Ġilju, li fil-passat kienu jaħarqu minnhom, iriduhom li ma jiġux magħluqa anke f'każ li joħroġ il-permess ta' Triq il-Konvoj ta' Santa Marija mill-Pulizija u *TM*.

11. Is-sindku qal li biex ikun hemm aktar kontroll fl-infieq mill-*hardware stores*, fl-Imqabba, qed iġiegħel lill-ħaddiema li s-soltu jixtru minn dawn il-ħwienet, jiġifieri tal-*IPSL*, sabiex jimlew il-formula li qed jipproponi hu, imsejħa l-*material request form.* Hu qal li din hija xi ħaġa simili għall-*purchase order* għaliex ovvjament ma jistax ikun li wieħed iżomm ix-xogħol sa meta jiġi mlaqqa' l-kunsill biex jagħti l-approvazzjoni għax-xiri ta' dan il-materjal. Hawn intqal illi dawn il-ħaddiema għandhom jixtru b'mod bilanċjat mit-tliet ħwienet li jeżistu fl-Imqabba u din il-formula se sservi biex tkun rikonċiljata mal-kontijiet fl-uffiċċju.

12. Nhar l-1 ta' Lulju, 2010, bdiet il-ħidma tagħha fostna bħala studenta tal-Ingliż, ir-Rumena **Ms Daniela Gruian**. Din qed jospitawha l-kumpanija *Paragon Malta* peress li qed tagħmel *internship*. Permezz ta' din l-inizjattiva hija se tiggwadanja ftit esperjenza fostna għat-tliet xhur tas-sajf, filwaqt li tgħin lill-KLM.

13. Għandna nitolbu l-**lista ta' gradwati lill-Università ta' Malta** biex naraw min huma li se jkunu temmew b'suċċess l-istudji tagħhom din is-sena. Ovvjament jinteressawna biss dawk l-istudenti mill-Imqabba sabiex il-KLM jirrikonoxxi l-impenn tagħhom fis-serata ta' Ġieh l-Imqabba li ssir f'Ottubru, 2010.

14. Infatti dwar l-**attivitajiet ta' Jum l-Imqabba 2010** ġie deċiż illi fl-1 ta' Ottubru 2010, ssir it-tieni edizzjoni tal-attività "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien". Fit-8:30am tat-3 ta' Ottubru, 2010 tinżamm il-Quddiesa ta' Ringrazzjament 'l Alla tal-ħidma tal-KLM matul din is-sena, fil-Knisja Parrokkjali. L-Assemblea Lokali se tkun organizzata nhar is-6 ta' Ottubru, 2010 fl-Isptar il-Qadim, is-sit fejn hu ttamat li fl-istess perjodu tkun qed titgawda l-esebizzjoni tal-galleriji antiki ospitatà fl-istess bini, u li se tkun imtella' mill-*MEPA*. Il-kunsillieri madankollu iddeċidew li jekk inhu possibbli biex l-istess wirja jkollha attendenza akbar, din tinżamm fil-Pjazza tal-Knisja taħt tinda waqt l-attività "L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien" u tintrema nhar l-1 ta' Ottubru 2010 u tiżżarma l-għada. Ideja oħra kienet illi din tintrama fil-*foyer* tal-iskola primarja. Ġew issuġġeriti wkoll is-6 ta' Ottubru 2010, fejn se jkun organizzat il-*quiz* għat-tfal tal-iskola bil-kollaborazzjoni tal-għalliema. Nhar id-9 t'Ottubru 2010, filgħodu se tkun organizzata *cross country* u filgħaxija se tkun imtella s-serata Ġieħ l-Imqabba fis-sala tal-iskola. L-għada l-Ħadd, 10 ta' Ottubru 2010, se tkun organizzata *treasure hunt.*

15. F'dan il-punt kien hemm diskussjoni dwar il-mod kif se tkun imtella is-**serata Ġieħ l-Imqabba 2010.** Hawn intqal illi issa li temmejna 'ċiklu' billi f'sena ipparteċipa każin tal-banda u fis-sena ta' wara ippartecipa l-każin l-ieħor, huwa l-waqt propizju biex nevalwaw dak li sar u niddeċiedu. Għaldaqstant kienu mistoqsija diversi mistoqsijiet bħal jekk għandux isir il-kunċert jew le. Jekk l-iskop hux li nimlew is-sala anke saħansitra bil-barranin jew inkella bħala prijorità għandux ikun illi jiġu nies miż-żewġ partiti tal-festi. Jekk hux qed nagħmlu is-serata biex naġevolaw il-baned u/jew l-allievi li forsi s'issa qatt ma esponew ruħhom u/jew is-solisti ġodda fil-baned, jew inkella biex verament nagħtu kredtu lil min ħaqqu. Jekk għandux ikun involut il-kor tal-iskola primarja jew le. Jekk f'din is-serata nistgħux ngħidu li qed jintlaħaq is-sens ċiviku. Hu ttamat illi matul din is-serata jingħataw iċ-ċertifikati ta' dawk li se jkunu temmew b'suċċess il-korsijiet tal-*computer* matul dan is-sajf. Dawn awtomatikament, bħal membri tal-kor, jiġbdu aktar familjari magħhom u awtomatikament inkunu qed nikkontribwixxu biex l-għanijiet jintlaħqu bħalma jiġri jekk jippartecipa l-kor tal-iskola. F'dan il-punt intqal illi jekk ma jkunux mistiedna l-każini jippartecipaw, jista' jkun hawn l-aqwa banda barranija għaliex in-nies ma tiġix. Li hu żgur hu li rridu nirrevedu l-lista tal-mistednin u nassiguraw li ma jibqax vojt propju fl-ewwel fillieri. Wara din id-diskussjoni, s-sindku wera x-xewqa li għandna nżommu kollox kif kien u jibqgħu jalternaw il-każini tal-banda f'din is-serata. Hu talab lill-kunsillieri jekk jaqblux miegħu, u aċċettaw. Fil-fatt ġie deċiż illi din is-sena jippartecipaw is-Soċjetà Mużikali Madonna tal-Ġilju għax huwa t-*turn* tagħha. Dwar it-trofew għal Ġieħ l-Imqabba se naraw jekk *Vascas* jew *Sterling Jewellers* jagħmluhx skond il-mudell ta' Aaron Briffa. Dan għandu jkun *silver plated* (*925*) (kollu matt bil-faxxa tal-bandiera tal-Imqabba tleqq) ta' daqs skond l-istess mudell bil-pedestall tal-irħam u l-injam kif indikat fil-mudell. Il-fornitur irid li jew iżomm il-*mould* minn sena għall-oħra jew inkella jagħtiha lill-Kunsill Lokali Mqabba ħalli jkun jista' jużaha fil-futur. Dwar in-numru ta' *tokens*, għadna rridu naraw kemm se nagħmlu u dan jiddetermina min-nomini li jidħlulna; f'sena minnhom wasslu biex kien hemm anke tliet persuni li ħadu dan l-unur f'sena waħda.

16. Is-sindku qal li għall-attività **"L-Imqabba mal-Medda taż-Żmien"** se nġibu *sponsor* mill-*BOV* biex bih inkunu nistgħu nippublikaw il-*flyers* li jirreklamaw din l-attività. Hu qal li rridu noħorġu l-kwotazzjonijiet biex ninqdew minn diversi servizzi fosthom biex insibu l-atturi. Din id-darba l-*budget* hu ferm iżgħar minn dak tas-sena l-oħra għaliex kull ma għandna huma €5,000, mill-iskema lokali. Dan iwassal biex ir-razzett li kien mibni is-sena l-oħra fuq il-Mentna, din id-darba ma jinbeniex, minkejja li xorta waħda nistgħu nagħlqu l-ġnien bil-*pallets* u npoġġu l-annimali. Hemm l-intenzjoni illi nġibu it-*trackless train* li minkejja li din tiġina mingħajr obbligazzjoni, jkun hemm ħlas minimali għal min ikun qed jużaha. Madankollu ma jistax ikun li f'serata bħal din ma jkollniex għannejja tradizzjonali u s-servizz tal-karozzin u se nippruvaw ninvolvu l-każini wkoll b'ikel tradizzjonali possibilment bi platti bħal dawk tal-għaġin. Għal dan il-fatt intqal illi din trid tiġi deċiża għaliex jekk ifallu huma l-*ITS* jistgħu ma jiġuniex (bħas-sena l-oħra) biex jipprovdu l-ikel huma, fl-aħħar ħinijiet.

17. Kienu approvati l-***purchase request forms /payment approval sheets*** numru 383 u 384.

18. Paul Spiteri irrapporta **lampa tat-toroq** li mhix tixhel fi Triq Innoċenz Zammit, fejn tal-Lelu, kif ukoll sabiex issir manutenzjoni tal-ħadid tal-bandli ta' Misraħ il-Fidwa, għaliex dan mhux f'kundizzjoni tajba.

19. Is-sindku qal li l-ġ**ibjun il-miftuħ** li jilqa' l-ilma (*runoff*) tat-triq arterjali, Konvoj ta' Santa Marija, se jnaddfuhulna l-ħaddiema tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma biex inneħħu l-ħmieġ li nġabar fih matul ix-xhur li għaddew.

20. Issemma mis-sindku, ilment dwar **infestazzjoni ta' ġrieden** viċin il-grada tal-ġibjun fi Triq il-Konvoj ta' Santa Marija kantuniera ma' Triq il-Franka, kif ukoll fi Triq Monsinjur Alfons Caruana. Dawn is-siti jinsabu mdawwra bl-għelieqi u kull sajf iqumu problemi simili. Problema oħra hija ġejja minn dar abbandunata fi Triq il-Fjuri li dan l-aħħar sirna nafu min hu sidha.

21. Is-sindku qal li bħal issa hemm talba biex isir skambju permezz tal-programm ***Youth in Action*** sabiex żgħażagħ mill-Greċja jissieħbu ma' *partners* Ewropej. Se nesploraw il-possibilità li f'dan il-programm jipparteċipaw żgħażagħ Imqabbin.

22. Is-sindku qal li sfortunatament ma ġietx aċċettata t-talba tagħna mill-gvern ċentrali (skema oħra) sabiex isir **restawr ta' siti storiċi.** Għal din l-applikazzjoni, konna issuġġerejna li nnaddfu l-kantina mil-materjal li fiha fl-Isptar il-Qadim.

23. Is-sindku ppreżenta **stima ta'** ***Davies Design Group*** biex issir tabella ħalli din titpoġġa fit-triq fejn il-KLM ikun se jaħdem xogħlijiet fit-toroq. Intant il-KLM injora l-istampar ta' tliet tabelli fuq is-*solid base* li jammontaw ghal €180 u approva l-istampar ta' tlieta fuq il-*canvas* ta' daqs 120cm x 80cm li jammontaw għal €105.

24. Peress li issa għaddew tliet xhur oħra, jiġifieri Apr-Ġun, il-KLM ta l-awtorizzazzjoni lis-segretarju eżekuttiv sabiex jiftaħ ktieb ieħor **(*fixed deposit a/c*) għal sitt xhur** u fih jitpoġġew €21, 000. Dan sabiex l-interessi jagħmlu tajjeb għall-infieq li se jsir fil-kostruzzjoni tat-toroq, peress li s'issa x-xogħol għadu ma nbediex.

25. Intant is-sindku dwar dawn ix-**xogħolijiet tat-toroq** qal li ġiet konkluża l-kwistjoni tal-ħruġ tal-*LAs* billi hu kellu jaċċetta illi fid-29 triq li se jinbnew mill-ġdid, u li kienu se jkunu spiża enormi flimkien ma' toroq oħra fil-lokalitajiet oħra għall-Korporazzjoni għas-Serivizzi tal-Ilma, l-ispejjeż tas-servizzi tad-djar se jkollu jassorbihom il-KLM. Hu qal li dwar dan kellmu l-Onor Chris Said u ried il-konferma b'mod urġenti. Noel Galea qal li biex tiġi solvuta din il-kwistjoni il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma ma kienetx lesta li taċċetta li tħallas għal dawn ix-xogħolijiet, minkejja li m'aħniex ċerti jekk dawn hux se jinqalgħu kollha jew inkella se jinqalgħu biss dawk li għadhom bil-pajpijiet tal-ħadid. Dwar dan il-kunsillieri talbu li jkunu kkwantifikati l-ispejjeż filwaqt li Noel Galea qal li l-Onor Chris Said infurmah illi se jgħin lill-kunsilli lokali jsolvu din il-problema li nqalgħet fl-aħħar ħinijiet qabel ma hu ttamat li jibdew ix-xogħolijiet. Dwar dan il-kunsillieri qalu li lilna jinħtieġ li jittrattawna mod ieħor għaliex dak tagħna huwa proġett pilota.

26. Dwar il-**permess tal-*MEPA*** biex isir it-tisbieħ ta' **Pjazza Ġublew tad-Djamanti**, Noel Galea qal li ġejna mitluba mill-*MEPA* sabiex nagħmlu garanzija ta' €20,000 qabel ma jibda x-xogħol ta' din il-pjazza. Dwar din it-talba għad ma kienx hemm deċiżjoni.

27. Il-**laqgħa ntemmet** fid-9:00pm u l-Kunsill Lokali Mqabba se jiltaqa' ħmistax-il ġurnata oħra fl-istess ħin.

| | | | |
|---|---|---|---|
| *Magħmula minn* | **Anthony Bonello**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | *u approvati llum*<br>*20 /07 /2010 minn:* | **Noel Galea**<br>**Sindku** |